Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B ►M5 ►C1 **DIRETTIVA TAL-KUNSILL 77/799/KEE**

tad-19 ta' Diċembru 1977

dwar assistenza reċiproka mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni diretta u t-taxxi fuq *premiums* ta' l-assigurazzjoni

(77/799/KEE) ◄ ◄

(ĠU L 336, 27.12.1977, p. 15)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Id-Direttiva tal-Kunsill 79/1070/KEE tas-6 ta' Diċembru	L 331	8	27.12.1979
►M2	Id-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE tal-25 ta' Frar 1992	L 76	1	23.3.1992
►M3	Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/93/KE tas-7 ta' Ottubru 2003	L 264	23	15.10.2003
►M4	Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/56/KE tal-21 ta' April 2004	L 127	70	29.4.2004
►M5	Direttiva tal-Kunsill 2004/106/KE tas-16 ta' Novembru 2004	L 333M	266	11.12.2008
►M6	Direttiva tal-Kunsill 2006/98/KE ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 352M	757	31.12.2008

Emendata minn:

►A1	Att ta' Adeżjoni tal-Greċja	L 291	17	19.11.1979
►A2	Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall	L 302	23	15.11.1985
►A3	Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Isvezja u l-Finlandja	C 241	21	29.8.1994
►A4	Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea	L 236	17	23.9.2003

Kkoreġuta minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 51M, 24.2.2009, p. 90 (2004/106/KE)

▼B
▼M5
▼C1

DIRETTIVA TAL-KUNSILL 77/799/KEE

tad-19 ta' Diċembru 1977

dwar assistenza reċiproka mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni diretta u t-taxxi fuq *premiums* ta' l-assigurazzjoni

(77/799/KEE)

▼B

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Billi l-prattiċi ta' evażjoni tat-taxxa u evitar tat-taxxa li jestendu matul il-fruntieri ta' l-Istati Membri jwasslu għal telf fil-*budget* u vjolazzjonijiet tal-prinċipju ta' tassazzjoni ġusta u huma soġġetti li jġibu tgħawwiġ tal-movimenti tal-kapital u tal-kondizzjonijet tal-kompetizzjoni; billi dawn għalhekk jaffettwaw l-operat tas-suq intern;

Billi, għal dawn ir-raġunijiet il-Kunsill adotta fl-10 ta' Frar 1975 riżoluzzjoni dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Komunità sabiex tkun miġġielda l-evażjoni u l-evitar internazzjonali tat-taxxa ([3]);

Billi n-natura internazzjonali tal-problema tfisser li miżuri nazzjonali, li l-effett tagħhom ma jestendix lil hinn minn fruntieri nazzjonali, mhumiex suffiċjenti; billi l-kollaborazzjoni bejn amministrazzjonijiet abbażi ta' ftehim bilaterali hu inkapaċi li jiġġieled forom ġodda ta' evażjoni u evitar ta' taxxa, li qegħdin jikbru fil-karattru multinazzjonali tagħhom;

Billi l-kollaborazzjoni bejn amministrazzjonijiet tat-taxxa ġewwa l-Komunità għandha għalhekk tissaħħaħ skond il-prinċipji u regoli komuni;

Billi l-Istati Membri għandhom, fuq talba, jibdlu informazzjoni dwar każijiet partikolari; fejn l-Istat hekk ħtieġlu jagħmel għandu jagħmel it-talbiet meħtieġa biex jikseb dik l-informazzjoni:

Billi l-Istati Membri għandhom jiskambjaw, anke mingħajr ma ssir l-ebda talba, xi informazzjoni li tidher rilevanti għall-istima korretta ta' taxxi fuq id-dħul u fuq il-kapital, b'mod partikolari fejn jidher li jkun hemm trasferiment artifiċjali ta' profitti bejn impriżi fi Stati Membri differenti jew fejn dawk it-transazzjonijiet ikunu magħmula bejn impriżi f'żewġ Stati Membri permezz ta' pajjiż terz sabiex jinkiseb vantaġġ dwar taxxi, jew fejn it-taxxa ġiet jew tista' ma titħallasx jew evitata għal xi raġuni tkun liema tkun;

Billi hu importanti li uffiċjali ta' l-amministrazzjoni tat-taxxa f'xi Stat Membru jitħalla li jkun preżent fit-territorju ta' Stat Membru ieħor jekk iż-żewġ Stati in kwistjoni jikkunsidraw dan mixtieq;

([1]) ĠU C 293, tat-13.12.1976, p. 34.
([2]) ĠU C 56, tas-7.3.1977, p. 66.
([3]) ĠU C 35, ta' l-14.2.1975, p. 1.

▼B

Billi għandha tingħata attenzjoni biex jiġi assigurat li informazzjoni mogħtija fil-kors ta' dik il-kollaborazzjoni ma tkunx żvelata lil persuni mhux awtorizzati, sabiex id-drittijiet bażiċi taċ-ċittadini u impriżi jkunu salvagwardati; billi hu għalhekk meħtieġ li l-Istati Membri li jirċievu dik l-informazzjoni ma jużawhiex, mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' l-Istat Membru li jforniha, minbarra għall-finijiet ta' tassazzjoni jew biex ikunu ffaċilitati proċeduri legali għal nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet tat-taxxa; billi hu wkoll meħtieġ li l-Istati li jirċevuha jagħtu lil din l-informazzjoni l-istess grad ta' kunfidenzjalità li din kellha fl-Istat li pprovdiha, jekk dan ta' l-aħħar hekk jitlob;

Billi Stat Membru li jkun mitlub li jagħmel inkjesti jew li jipprovdi informazzjoni għandu jkollu l-jedd li jirrifijuta li jagħmel hekk meta l-liġijiet tiegħu jew prattiċi amministrattivi jipprevjenu l-amministrazzjoni tiegħu tat-taxxa milli jagħmlu dawn l-inkejsti jew milli jiġbru jew jużaw din l-informazzjoni għall-għanijiet tagħha nnifsiha, jew fejn l-għoti ta' dik l-informazzjoni tista' tkun kontra l-politika pubblika jew tista' twassal għal svelar ta' sigriet kummerċjali, industrijali jew professjonali jew ta' proċess kummerċjali, jew meta l-Istat Membru li għalih tkun maħsuba l-informazzjoni ma jkunx kapaċi għal raġunijiet prattiċi jew legali li jipprovdi informazzjoni simili;

Billi kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni hi meħtieġa għall-istudju kontinwui ta' proċeduri ta' koperazzjoni u l-ġbir flimkien ta' esperjenzi fl-oqsma kunsidrati, u b'mod partikolari fil-qasam tat-trasferiment artifiċjali ta' profitti fi gruppi ta' impriżi, bil-għan li jitjiebu dawk il-proċeduri u li jippreparaw regoli tal-Komunità xierqa,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Disposizzjonijiet ġenerali

▼M5
▼C1

1. Skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jiskambjaw kwalunkwe informazzjoni li tista' tippermettilhom li jwettqu valutazzjoni korretta tat-taxxi fuq id-dħul u fuq il-kapital, u kwalunkwe informazzjoni dwar l-istabbiliment ta' taxxi fuq *premiums* ta' assikurazzjoni msemmija fis-sitt inċiż ta' l-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 76/308/KEE tal-15 ta' Marzu 1976 dwar assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' ċerti imposti, dazji, taxxi u miżuri oħra [1].

▼B

2. Għandhom ikunu kkunsidrati bħala taxxi fuq id-dħul u fuq il-kapital, irrispettivament mil-mod li bih dawn ikunu mitluba, it-taxxi kollha imposti fuq id-dħul kollu, fuq il-kapital kollu, jew fuq l-elementi ta' dħul jew ta' kapital, inklużi taxxi fuq qliegħ mill-bejgħ ta' proprjetà mobbli jew immobbli, taxxi fuq l-ammonti ta' pagi jew salarji mħallsa minn impriżi, kif ukoll taxxi fuq apprezzament tal-kapital.

▼A3

3. It-taxxi kollha previsti fil-paragrafu 2 huma bħalissa, partikolarment:

fil-Belġju:

Impôt des personnes physiques/Personenbelasting

Impôt des sociétés/Vennotschapsbelasting

Impôt des personnes morales/REChtspersonenbelasting

Impôt des non-résidents/Belasting der niet-verblijfhouders

[1] ĠU L 73, 19.3.1976, p. 18. Direttiva kif emendata l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni ta' l- 2003.

▼A3

fid-Danimarka:

Indkomstskat til staten

Selskabsskat

Den kommunale indkomstskat

Den amtskommunale indkomstskat

Folkepensionsbidragene

Sømandsskat

Den saerlige indkomstskat

Kirkeskat

Formueskat til staten

Bidrag til dagpengefonden

fil-Ġermanja:

Einkommensteuer

Körperschaftsteuer

Vermögensteuer

Gewerbesteuer

Grundsteuer

fil-Greċja:

Φόρος εισοδήματος φυσικών προσώπων

Φόρος εισοδήματος νομικών προσώπων

Φόρος ακινήτου περιουσίας

fi Spanja:

Impuesto sobre la Renta de las Personas Físicas

Impuesto sobre Sociedades

Impuesto Extraordinario sobre el Patrimonio de las Personas Físicas

fi Franza:

Impôt sur le revenu

Impôt sur les sociétés

Taxe professionnelle

Taxe foncière sur les propriétés bâties

Taxe foncière sur les propriétés non bâties

fl-Irlanda:

Income tax

Corporation tax

Capital gains tax

Wealth tax

fl-Italja:

Imposta sul reddito delle persone fisiche

Imposta sul reddito delle persone giuridiche

Imposta locale sui redditi

▼A3

fil-Lussemburgu:

Impôt sur le revenu des personnes physiques

Impôt sur le revenu des collectivités

Impôt commercial communal

Impôt sur la fortune

Impôt foncier

fl-Olanda:

Inkomstenbelasting

Vennotschapsbelasting

Vermogensbelasting

fl-Awstrija:

Einkommensteuer

Körperschaftsteuer

Grundsteuer

Bodenwertabgabe

Abgabe von land- und forstwirtschaftlichen Betrieben

fil-Portugall:

Contribuição predial

Imposto sobre a indústria agrícola

Contribuição industrial

Imposto de capitais

Imposto profissional

Imposto profissional

Imposto complementar

Imposto de mais-valias

Imposto sobre o rendimento do petróleo

Os adicionais devidos sobre os impostos precedents

fil-Finlandja:

Valtion tuloverot/de statliga inkomstskatterna

Yhteisöjen tulovero/inkomstskatten för samfund

Kunnallisvero/kommunalskatten

Kirkollisvero/kyrkoskatten

Kansaneläkevakuutusmaksu/folkpensionsförsäkringspremien

Sairausvakuutusmaksu/sjukförsaekringspremien

Korkotulon lähdevero/källskatten paa raenteinkomst

Rajoitetusti verovelvollisen lähdevero/kaellskatten för begränsat skattskyldig

Valtion varallisuusvero/den statliga förmögenhetsskatten

Kiinteistövero/fastighetsskatten

fl-Isvezja:

Den statliga inkomstskatten

Sjömansskatten

▼A3

Kupongskatten

Den särskilda inkomstskatten för utomlands bosatta

Den särskilda inkomstskatten för utomlands bosatta artister m.fl.

Den statliga fastighetsskatten

Den kommunala inkomstskatten

Förmögenhetsskatten

fir-Renju Unit:

Income tax

Corporation tax

Capital gains tax

Petroleum revenue tax

Development land tax'

▼A4

fir-Repubblika Ċeka:

Daně z příjmů

Daň z nemovitostí

Daň dědická, daň darovací a daň z převodu nemovitostí

Daň z přidané hodnoty

Spotřební daně

fl-Estonja:

Tulumaks

Sotsiaalmaks

Maamaks

f'Ċipru:

Φόρος Εισοδήματος

'Εκτακτη Εισφορά για την Άμυνα της Δημοκρατία

Φόρος Κεφαλαιουχικών Κερδών

Φόρος Ακίνητης Ιδιοκτησίας

fil-Latvja:

iedzīvotāju ienākuma nodoklisn

nekustamā īpašuma nodoklis

uzņēmumu ienākuma nodoklis

fil-Litwanja:

Gyventojų pajamų mokestis

Pelno mokestis

Įmonių ir organizacijų nekilnojamojo turto mokestis

Žemės mokestis

Mokestis už valstybinius gamtos išteklius

Mokestis už aplinkos teršimą

Naftos ir dujų išteklių mokestis

Paveldimo turto mokestis

▼A4

fl-Ungerija:

személyi jövedelemadó

társasági adó

osztalékadó

általános forgalmi adó

jövedéki adó

építményadó

telekadó

f'Malta:

Taxxa fuq l-*income*

fil-Polonja:

Podatek dochodowy od osób prawnych

Podatek dochodowy od osób fizycznych

Podatek od czynności cywilnoprawnych

fis-Slovenja:

Dohodnina

Davki občanov

Davek od dobička pravnih oseb

Posebni davek na bilančno vsoto bank in hranilnic

fis-Slovakkja:

daň z príjmov fyzických osôb

daň z príjmov právnických osôb

daň z dedičstva

daň z darovania

daň z prevodu a prechodu nehnuteľností

daň z nehnuteľností

daň z pridanej hodnoty

spotrebné dane

▼M6

fil-Bulgarija:

данък върху доходите на физическите лица

корпоративен данък

данъци, удържани при източника

алтернативни данъци на корпоративния данък

окончателен годишен (патентен) данък

fir-Rumanija:

impozitul pe venit

impozitul pe profit

impozitul pe veniturile obținute din România de nerezidenți

impozitul pe veniturile microîntreprinderilor

impozitul pe clădiri

impozitul pe teren

▼B

4. Paragrafu 1 japplika wkoll għal kull taxxi identiċi jew simili imposti sussegwentement, kemm jekk biż-żieda ma' jew minflok it-taxxi elenkati fil-paragrafu 3. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin u lill-Kummissjoni bid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawk it-taxxi.

▼A3

5. L-espressjoni “awtorità kompetenti” tfisser:

fil-Belġju:

De Minister van financiën jew rappreżentant awtoriżżat

Le Ministre des finances jew rappreżentant awtoriżżat

fid-Danimarka:

Skatteministeren jew rappreżentant awtoriżżat

fil-Ġermanja:

Der Bundesminister der Finanzen jew rappreżentant awtoriżżat

fil-Greċja:

Το Υπουργείο Οικονομικών jew rappreżentant awtoriżżat

fi Spanja:

El Ministro de EConomía y Hacienda jew rappreżentant awtoriżżat

fi Franza:

Le ministre de l'économie jew rappreżentant awtoriżżat

fl-Irlanda:

The*Revenue Commissioners* jew ir-rappreżentant awtoriżżat tagħhom

fl-Italja:

▼M4

Il ministro dell'economia e delle finanze jew rappreżentant awtorizzat

▼A3

fil-Lussemburgu:

Le ministre de finance jew rappreżentant awtoriżżat

fl-Olanda:

De minister van financiën jew rappreżentant awtoriżżat

fl-Awstrija:

Der Bundesminister fuer Finanzen jew rappreżentant awtoriżżat

fil-Portugall:

O Ministro das Finanças jew rappreżentant awtoriżżat

fil-Finlandja:

Valtiovarainministeriö jew rappreżentant awtoriżżat

Finansministeriet jew rappreżentant awtoriżżat

fl-Isvezja:

▼M4

Chefen för Finansdepartementet jew rappreżentanti awtorizzati tiegħu

▼A3

fir-Renju Unit:

▼M3

Il-Kummissjunarji tad-Dwana u s-Sisa jew rappreżentant awtorizzat għall-informazzjoni meħtieġa rigward taxxi fuq *premiums* ta' assigurazzjoni u dazju tas-sisa

Il-Kummissjonarji ta' l-*Inland Revenue* jew rappreżentant awtorizzat għall-informazzjoni l-oħra kollha

▼A4

fir-Repubblika Ċeka:

Ministr financí jew rappreżentant awtorizzat

fl-Estonja:

Rahandusminister jew rappreżentant awtorizzat

f'Ċipru:

Υπουργός Οικονομικών jew rappreżentant awtorizzat

fil-Latvja:

Finanšu ministrs jew rappreżentant awtorizzat

fil-Litwanja:

Finansų ministras jew rappreżentant awtorizzat

fl-Ungerija:

A pénzügyminiszter jew rappreżentant awtorizzat

f'Malta:

Il-Ministru responsabbli għall-Finanzi jew rappreżentant awtorizzat

fil-Polonja:

Minister Finansów jew rappreżentant awtorizzat

fis-Slovenja:

Minister za financií jew rappreżentant awtorizzat

fis-Slovakkja:

Minister financií jew rappreżentant awtorizzat

▼M6

fil-Bulgarija:

Изпълнителният директор на Националната агенция за приходите

fir-Rumanija:

Ministerul Finanțelor Publice jew rappreżentant awtorizzat

▼B

Artikolu 2

Bdil fuq talba

1. L-awtorità kompetenti ta' xi Stat Membru tista' titlob lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor biex tibgħat l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(1) f'xi każ partikolari. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat mitlub m'għandhiex għalfejn tikkonforma mat-talba jekk jidher li l-awtorità kompetenti ta' l-Istat li jagħmel it-talba ma tkunx eżawriet is-sorsi tas-soltu tagħha ta' l-informazzjoni, li hi setgħet utilizzat, skond iċ-ċirkostanzi, biex tikseb l-informazzjoni mitluba mingħajr ma tinkorri r-riskju li tipperikola l-ksib tar-riżultat li tkun qed tfittex.

2. Għall-fini li tkun mibgħuta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru mitlub għandha tirranġa t-tmexxija sabiex isiru l-inkjesti meħtieġa biex tinkiseb dik l-informazzjoni.

▼M4

Sabiex tinkiseb l-informazzjoni mfittxa, l-awtorità mitluba jew l-awtorità amministrattiva li għandha użu għaliha għandha tipproċedi qisu qed jaġixxi f'ismu jew fuq talba ta' awtorità oħra fis-Stat Membru tagħha stess.

▼B

Artikolu 3

Bdil awtomatiku ta' informazzjoni

Għall-kategoriji ta' każijiet li huma jistabilixxu skond il-proċedura ta' konsultazzjoni stabbilita fl-Artikolu 9, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jibdlu b'mod regolari l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(1) mingħajr ma ssir talba minn qabel.

Artikolu 4

Bdil spontanju ta' informazzjoni

1. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru għandha mingħajr talba minn qabel tibgħat l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(1), li dwarha jkollha tagħrif, lill-awtorità kompetenti ta' xi Stat membru ieħor interessat, fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru wieħed li jkollha raġunijiet li taħseb li jista' jkun hemm telf ta' taxxa fi Stat Membru ieħor;

(b) persuna suġġetta għal taxxa tikseb tnaqqis fi jew eżenzjoni minn taxxa fi Stat Membru wieħed li jista' jwassal għal żieda fit-taxxa jew għal debitu fit-taxxa fi Stat Membru ieħor;

(ċ) trattamenti kummerċjali bejn xi persuna soġġetta li tħallas it-taxxi fi Stat Membru u persuna soġġetta għat-taxxa fi Stat Membru ieħor isiru permezz ta' pajjiż wieħed jew aktar b'tali mod li ffrankar fit-taxxa jista' jirriżulta f'wieħed mill-Istati Membri jew l-ieħor jew fit-tnejn;

(d) l-awtorita kompetenti ta' xi Stat Membru jkollha raġunijiet biex taħseb li frankar fit-taxxa jista' jirriżulta minn trasferimenti artifiċjali ta' profitti fi gruppi ta' impriżi;

(e) informazzjoni mogħtija lil Stat Membru wieħed mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru l-ieħor tkun ippermettiet li tinkiseb l-informazzjoni li tista' tkun rilevanti biex issir stima tad-debitu tat-taxxa fl-Istat Membru ta' l-aħħar.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jistgħu, taħt il-proċedura ta' konsultazzjoni stabbilita fl-Artikolu 9, jestendu l-bdil ta' informazzjoni provdut fil-paragrafu 1 għal każijiet minbarra dawk speċifikati hemmhekk.

3. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jistgħu jibagħtu lil xulxin f'kull każ ieħor, mingħajr talba minn qabel, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(1) li huma jkunu jafu biha.

Artikolu 5

Limitu tal-ħin biex tintbgħat informazzjoni

L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru li, skond l-Artikoli preċedenti, tkun mitluba li tagħti informazzjoni, għandha tibgħata kemm jista' jkun malajr possibbli. Jekk din tiltaqa' ma' ostakoli fl-għoti ta' l-informazzjoni jew jekk din tirrifjuta li tagħti l-informazzjoni, din għandha minnufih tinforma lill-awtorità li titlobha b'dan, fejn tindika n-natura tal-ostakoli jew ir-raġunijiet għar-rifjut tagħha.

▼B

Artikolu 6

Kollaborazzjoni minn uffiċjali ta' l-Istat interessat

Għall-fini li jkunu applikati d-Dispożizzjonijiet preċedenti, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li jipprovdi l-informazzjoni u l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li għalih tkun maħsuba l-informazzjoni jistgħu jiftiehmu, taħt il-proċedura ta' konsultazzjoni stabbilita fl-Artikolu 9, li jawtorizzaw il-preżenza fl-ewwel Stat Membru ta' uffiċjali tal-amministrazzjoni tat-taxxa ta' l-Istat Membru l-ieħor. Id-dettalji biex tkun applikata din id-dispożizzjoni għandhom ikunu stabbiliti taħt l-istess proċedura.

Artikolu 7

Dispożizzjonijiet dwar segretezza

▼M4

1. Kull informazzajoni li titgħarraf lil Stat Membru taħt din id-Direttiva għandha tinżamm sigrieta f'dak l-Istat bl-istess manjiera kif tiġi rċevuta nformazzjoni taħt il-legislazzjoni nazzjonali tiegħu. F'kull każ, din l-informazzjoni:

— tista' tiġi għad-dispożizzjoni biss lill-persuni direttament involuti fis-stima tat-taxxa jew fil-kontroll amministrattiv ta' din l-istima,

— tista' tiġi magħrufa biss dwar proċeduri ġudizzjarji jew proċeduri amministrattivi li jinvolvu sanzjonijiet li jorbtu bil-għan, jew relatati ma', li jagħmlu u jirrevedu l-istima tat-taxxa u biss lil persuni li huma direttament involuti f'dawn il-proċeduri; din l-informazzjoni tista, madankollu, tiġi żvelata waqt seduti pubbliċi jew f'sentenzi jekk l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li tipprovdi l-informazzjoni ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni fil-bidu waqt il-ħin meta hi tipprovdi l-informazzjoni,

— ma għandha taħt l-ebda ċirkustanzi tiġi wżata barra minn finijiet ta' tassazzjoni jew f'konnessjoni ma proċeduri ġudizzjarji jew proċeduri amministrattivi li jinvolvu sanzjonijiet li jorbtu bil-għan, jew relatati ma', li jagħmlu u jirrevedu l-istima tat-taxxa.

Barra dan, Stati Membri jistgħu jipprovdu għall-informazzjoni riferuta fl-ewwel subparagrafu li tintuża għal stima ta' imposti oħra, dazji u taxxi koperti bl-Artikolu 2 tad-Direttiva 76/308/KEE ([1]).

▼B

2. Paragrafu 1 m'għandux jobbliga xi Stat Membru li l-leġiżlazzjoni jew il-prassi amministrattiva tiegħu tistabbilixxi, għall-finijiet domestiċi, limiti aktar ristretti minn dawk li jinsabu fid-dispożizzjonijiet ta' dak il-paragrafu, sabiex tkun mogħtija informazzjoni jekk l-Istat iinteressat ma jobbligax ruħu li jirrispetta dawk il-limiti aktar ristretti.

3. Minkejja l-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li jagħti l-informazzjoni jista' jipperemtti li din tkun użata għal għanijiet oħra fl-Istat li jitlobha, jekk, skond il-leġislazzjoni fl-Istat li jinforma, l-informazzjoni tista', f'ċirkostanzi simili, tkun użata fl-Istat li jinforma għal għanijiet simili.

4. Fejn awtorità kompetenti ta' xi Stat Membru tikkonsidra li l-informazzjoni li tkun irċeviet mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor x'aktarx li tkun ta' utilità għall-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor, din tista' tgħaddiha lill-awtorità kompetenti ta' l-aħħar mal-ftehim ta' l-awtorità kompetenti li tkun tat l-informazzjoni.

([1]) ĠU L 73, 19.03.1976, p. 18.

▼B

Artikolu 8

Limiti għal bdil ta' informazzjoni

▼M4

1. Din id-Direttiva ma timponi l-ebda obbligu fuq Stat Membru minn fejn informazzjoni hi mitluba biex jitwettqu nkjesti jew biex jikkomunika nformazzjoni, jekk din tkun kontra l-legislazzjoni jew prattiċi amministrattivi tagħha għall-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat li jwettaq dawn l-inkjesti jew li jiġbor l-informazzjoni mfittxa.

▼B

2. L-għoti ta' informazzjoni jista' jkun irrifjutat meta dan jista' jwassal għall-iżvelar ta' xi sigriet kummerċjali, industrijali jew professjonali jew ta' xi proċess kummerċjali, jew ta' informazzjoni li l-iżvelar tagħha jkun kontra l-politika pubblika.

▼M4

3. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tirrifjuta trasmissjoni ta' informazzjoni meta l-Istat Membru li jitlobha m'huwiex kapaċi, għal raġunijiet ta' fatti jew liġi, li jipprovdi l-istess tip ta' informazzjoni.

L-Artikolu 8a

In-Notifika

1. Fuq talba ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru, l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor għanda, skond ir-regoli li jirregolaw in-notifika ta' istrument simili fl-Istat Membru mitlub, tinnotifika d-destinatarju fuq kull instrument u deċiżjonijiet li jemanaw mill-awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istat Membru li jressaq it-talba, u tikkonċerna l-applikazzjoni fit-territorju tiegħu ta' leġislazzjoni fuq taxxi koperti minn din id-Direttiva.

2. It-talb għal notifika għandhom jindikaw is-suġġett ta' l-istrument jew deċiżjoni li għandhom jiġu notifikati u għandhom jispeċifikaw l-isem u indirizz tad-destinatarju, flimkien ma' kull informazzjoni oħra li tista tiffaċilita l-identifikazzjoni tad-destinatarju.

3. L-awtorità mitluba għandha tinforma l-awtorità li tressaq it-talba immedjatament fuq ir-risposta tagħha għat-talba għal notifika u għandha tinnotifikha, b'mod partikolari, bid-data tan-notifika tad-deċiżjoni jew strument lid-destinatarju.

Artikolu 8b

Kontrolli simultanji

1. Fejn is-sitwazzjoni tat-taxxa ta' wieħed jew iktar persuni responsabbli għat-taxxa hija nteress komuni u komplementari, għal tnejn jew iktar Stati Membri, dawk l-Istati jistaw jaqblu biex iwettqu kontrolli simultanji, fit-territorju tagħhom stess, bil-ħsieb li jiskambjaw l-informazzjoni hekk miksuba, kull fejn jidhru li huma iktar effettivi minn kontrolli li jitwettqu minn Stat Membru wieħed waħdu.

2. L-awtorità kompetenti f'kull Stat Membru għandha tidentifika b'mod indipendenti l-persuni responsabbli għat-taxxa li għalihom hi għandha l-intenzjoni li tipproponi għal kontrolli simultanji. Għandha tinnotifika l-awtoritajiet kompetenti rispettivi fl-Istati Membri l-oħra ikkonċernati bil-każijiet li, fil-fhema tagħha, għandhom ikunu suġġetti għal kontrolli simultanji. Għandha tagħti raġunijiet għall-għażla tagħha, sakemm huwa possibli, billi tipprovdi l-informazzjoni li ġabet għad-deċiżjoni tagħha. Għandha tispeċifika l-perjodu ta' żmien li fih dawn il-kontrolli għandhom jitwettqu.

3. L-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru kkonċernat għandha tiddeċiedi jekk tixtieqx tieħu sehem fil-kontrolli simultanji. Mar-riċeviment tal-proposta għal kontroll simultanju, l-awtorità kompetenti

▼M4

għandha tikkonferma l-ftehim tagħha jew tikkomunika r-rifjut raġunat lill-awtorità kontroparti tagħha.

4. Kull awtorità kompetenti ta' l-Istati Membri kkonċernati għandhom jaħtru rappreżentant bir-responsabbilità li jissorvelja u jikkordina l-operazzjoni tal-kontroll.

▼B

Artikolu 9

Konsultazzjonijiet

1. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, konsultazzjonijiet għandhom isiru, jekk meħtieġ fil-Kumitat, bejn:

— l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri iinteressati fuq talba tat-tnejn, għar-rigward ta' kwistjonijiet bilaterali,

— l-awtoritajiet komptenti ta' l-Istati Membri kollha u l-Kummissjoni, fuq talba ta' waħda mill-awtoritajiet tal-Kummissjoni, safejn il-materji involuti mhumiex biss ta' interess bilaterali.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jistgħu jikkomunikaw direttament ma' xulxin. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jistgħu permezz ta' ftehim reċiproku jippermettu lill-awtoritajiet nominati minnhom li jikkomunikaw direttament ma' xulxin f'każijiet speċifiċi jew f'ċerti kategoriji ta' każijiet.

3. Billi l-awtoritajiet kompetenti jagħmlu arranġamenti fuq materji bilaterali koperti b'din id-Direttiva minbarra għar-rigward każijiet individwali, dawn għandhom kemm jista' jkun malajr jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan. Il-Kummissjoni għandha min-naħa tagħha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra.

Artikolu 10

Ġbir flimkien ta' l-esperjenzi

L-Istati Membri għandhom, flimkien mal-Kummissjoni, jissorveljaw kontinwament il-proċedura ta' koperazzjoni li tinsab f'din id-Direttiva u għandhom jaqsmu flimkien l-esperjenza tagħhom, fil-qasam ta' trasferiment ta' prezzijiet ġewwa gruppi ta' impriżi, bil-għan li titjieb dik il-koperazzjoni u, meta jkun xieraq, jistabilixxu entita ta' regoli fl-oqsma in kwistjoni.

Artikolu 11

Applikabbilità ta' disposizzjonijiet ta' għajnuna aktar wiesgħa

Id-disposizzjonijiet t'hawn aktar qabel m'għandhomx jimpedixxu l-osservanza ta' xi obbligazzjonijiet aktar wesgħin biex ikun hemm bdil ta' informazzjoni li tista' toħroġ minn atti legali oħrajn.

Artikolu 12

Disposizzjonijiet finali

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet neċessarji, regolamenti u Disposizzjonijiet amministrattivi sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1979 u għandhom jikkomunikawhom lill-Kummissjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-testi ta' xi disposizzjonijiet importanti tal-liġi nazzjonali li huma sussegwentement jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

▼B

Artikolu 13

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.